**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Numru: 526/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Christ Pullicino)

(Spettur Edmund Cini)

vs

**Stephen Borg**

**Omissis**

iben mhux maghruf , imwieled Pieta', it-12 ta' Marzu, 1978, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 155778(M)

Illum it-3 ta' Mejju 2019,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Stephen Borg akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli nhar is-sitta ta' Jannar, 2011 u fix-xhur ta' qabel din id-data gewwa l-Mosta u f'imkejjen ohra f'dawn il-gzejjer:

1. kellu fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu u kif ukoll zamm arma tan-nar u cioe' "shot gun" tad-ditta Fabarm Breschia b'numru tas-serje 538371 minghajr licenzja mahruga lilu mill-Kummissarju tal-Pulizija;

2. U aktar talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess zmien u cirkostanzi, bhala persuna li giet fil-pussess ta' l-istess arma tan-nar u munizzjon, naqas minnufih jaghti avviz lill-Kummissarju tal-Pulizija;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna biza' lil Francis Formosa u/jew persuna/i ohra li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta taghhom u jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet, jew xi persuna imsemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser l-kwiet u l-paci pubbliku b'ghajjat, sorbju, glied u/jew b'mod iehor;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded bil-kliem lil Francis Formosa u persuna/i ohra;

6. Nhar is-6 ta' Jannar, 2011 ghal habta tat-tmienja u nofs ta' filghaxija gewwa l-Mosta u f'imkejjen ohra f'dawn il-gzejjer, fil-hin li huwa kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew id-delitt ta' serq jew hsara lil propjeta', kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu jew kontroll tieghu f'idejh jew fuqu, arma tan-nar u/jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu, kif ukoll zamm u garr arma regolari kif ukoll munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal- Pulizija;

8. U aktar talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi, spara arma tan-nar ta' ghamla Fabarm Breschia li ghanda numru ta' serje 538371 f'post abitat u pubbliku ghaldaqstant mhux 'il barra minn mitejn metru abitat;

9. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkommetta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' tlett xhur prigunerija sospizi ghal sena liema sentenza nghatat nhar it-3 ta' Gunju, 2010.

10. U aktar talli irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta' Novembru, 2013 fejn il-Qorti fil-waqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sebgha imputazzjoni u fil-waqt li ma

sabitx lill-imputat hati ta′ tielet, il-hames, is-sitt, id-disgha u l-ghaxar imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u lliberatu minnhom, wara li rat l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta u l-artikoli 5(1) u 41 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta′ Malta u r-Regolament 18(2)(a) ta′ l-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 sabitu hati ta′ l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u taghhom ikkundannatu tmintax il-xahar prigunerija u multa ta′ seba′ mitt Euro (€700). In oltre u b′applikazzjoni ta′l-artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta′ Malta ordnat l-konfiska ta′ l-arma esebita f′l-atti ta′ l-inkjesta; b′applikazzjoni ta′ l-artikolu 57 ta′l-istess Kapitolu 480 skwalifikat lill-imputat minn kull licenzja ai termini tal-Kapitolu 480 ghal perjodu ta′ hames snin; u b′applikazzjoni tar-Regolament 18 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 skwalifikat lill-imputat minn kull licenzja ai termini tal-Parti XV tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta′ Malta ghal perjodu ta′ hames snin. In konkluzzjoni u b′applikazzjoni ta′l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta ikkundannat lill-imputat biex ihallas lir-Registratur ta′ din l-Qorti s-somma ta′ €233.75 rapprezentanti nofs l-ispejjez rinkorsi mal-hatra ta′l-esperti.

Rat ir-rikors tal-appellant Stephen Borg minnu pprezentat fit-3 ta′ Dicembru, 2013 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza fuq indikati tal-25 ta′ Novembru 2013 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta′ Gudikatura billi tikkonferma li mhux hati tat- tliet, hames, sitt, seba, disgha u ghaxar l-akkuza hawn fuq imsemmija, u tilliberah mill-akkuzi l-ohra li instab hati. Fin-nuqqas taghti piena aktar ekwa u gusta.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

> Illi l-Ewwel Qorti ma ghamiltx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. Ghar-rigward tar-raba akkuza, jigifieri li l-appellant kiser il-paci pubbliku, l-prosekuzzjoni trid tipprova li kien hemm l-ghagha jew l-alarm, fejn l-incidenti attira l-attenzjoni tal-pubbliku prezenti;

Ghar-rigward it-tmien akkuza, li spara l-arma tan-nar jidher bl-aktar mod car li dan kien incident, casus, u l-aktar li l-prosekuzzjoni tista' tipprospetta hija culpa b'hekk l-appellant kien negligenti meta kien qed iggor l-arma tan-nar. Fil-fatt l-espert tal-Qorti qalet li kien qed izommha l-fuq, jigifieri li ma kienx f'firing position. B'hekk il-verzjoni ta' l-appellant hija verosimili.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellant iqis li l-piena mhix ekwa u gusta, specjalment meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-appell intentat mill-appellant huwa dirett lejn is-sejbien ta' htija ghall-ewwel, it-tieni, ir-raba u it-tmien akkuzi migjuba kontra tieghu u dan stante illi l-Ewwel Qorti illiberatu mill-kumplament tal-akkuzi. L-appellant jilmenta illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fattispecje tal-kaz billi l-arma tan-nar ma gietx sparata minnu sabiex jigu mhedda Francis Formosa u Darren Spiteri izda ghaliex din kienet ser taqalghu filwaqt li kien qed izommha f'idu u hadet in-nar, u allura ir-reat ma kienx wiehed volontarju, izda biss kagun ta' negligenza u non-kuranza.

Illi ezaminati mill-gdid l-atti tal-kawza ghandu johrog illi nhar is-6 ta' Jannar tas-sena 2011 l-Ex Spettur Christopher Pullicino kien irċieva rapport anonimu dwar sparatura li kienet seħħet ġewwa Triq il-Farinal, Mosta.  Minn stħarriġ li sar il-pulizija wasslet ghal żewġ suspettati u cioe' l-appellant Borg u Terrence Cini, dan ta' l-aħħar oriġinarjament

ko-akkużat ma' Borg jirreġistra ammissjoni bikrija u kwindi il-kaz tieghu ighaddi in gudikat.

Illi mill-investigazzjoni li saret u mill-informazzjoni miġbura, irrizulta li kien inqala' argument bejn Borg u Cini fuq naħa u ċertu Frans Formosa u Darren Spiteri fuq oħra fejn matul dan l-argument Borg kien spara tir fl-ajru minn arma tan-nar, tat-tip senter li wara rriżulta li kien tal-għamla Fabarm bin-numru serjali 53871, rreġistrata fuq ċertu Carmel Zerafa. Irriżulta wkoll li l-appellant ma kellu l-ebda liċenzja li tippermettielu jġorr jew li jżomm kwalunkwe arma tan-nar. In oltre fit-triq fejn sehhet l-isparatura instab skartoċċ sparat kif ukoll takka madwar ħames metri 'il bogħod minn fejn instab dan l-iskartoċċ.
L-appellant jiġi arrestat u interrogat fejn jispjega lill-pulizija li kien qiegħed fir-residenza ta' Terrence Cini meta f'xi hin Cini illarga sabiex imur jagħmel qadja. Fil-pront wasslu Frans Formosa kif ukoll Daren Spiteri li kienu staqsew għal Cini u kienu talbu lill-appellant sabiex jaghtihom lura l-arma tan-nar li kienet fil-pussess ta' Cini iżda li ma kinitx propjeta' tiegħu. Skond l-appellant hu kien qalilhom sabiex ikellmu lil Cini sabiex jirritornahielhom hu w rrifjuta li jaghtihom l-arma fl-assenza tiegħu. Formosa u Spiteri jitilqu minn fuq il-post u meta jasal lura Cini, l-appellant jinfurmaħ b'dak li kien seħħ u jaghtih parir irodd lura l-arma. Fil-fatt fil-pront Borg qabad l-arma in kwistjoni u rikeb fil-karrozza tiegħu tal-għamla Peugeot 406. Cini segwa lill-appellant f'karrozza oħra senjatament Renault Chamid u pproċedew lejn Triq il-Farinal, Mosta fejn kienet tirresjedi ċerta Antoinette u fejn kien magħruf li x'aktarx dawn il-persuni kienu jinstabu. L-appellant sostna li hu mar biex jirritorna s-senter in kwisjoni iżda meta ħabbat ma fetaħ ħadd. Ftit tal-ħin wara ħarġu jittawlu fil-gallarija Formosa u Spiteri f'liema waqt inqala' argument verbali u f'dan il-mument gie sparat tir minn dan s-senter.

Terence Cini minn naha tieghu spjega illi meta' inqala' l-argument bejn Borg u Formosa, l-appellant kien ġab l-arma mill-vettura tiegħu u kien spara l-arma sabiex ibezza' lil Formosa. Cini kien ikkonferma dak li stqarr mal-pulizija quddiem l-Ewwel Qorti bil-ġurament wara li ġie ddikjarat xhud ostili mill-prosekuzzjoni peress li naqas milli jsemmi ammont konsiderevoli tad-dettalji ddikjarati minnu mal-pulizija *a tempo vergine*.

Ikkunsidrat:

Issa kif inghad l-appellant jichad illi huwa spara l-arma ran-nar volutament, izda jikkontendi illi dan sar biss b'mod accidentali ghaliex l-arma kienet ser taqa' minn idejh. Illi l-Ewwel Qorti madanakollu fid-diskrezzjoni fdata lilha bil-ligi ghazlet li ma taghtix affidament lill-verzjoni moghtija mill-appellant. Illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha.[1]

L-appellant jinstab akkużat b'reati imfassla fil-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u cioe' dawk dwar il-pussess, kontroll u ż-żamma ta' arma tan-nar mingħajr liċenzja appożita kif ukoll in-nuqqas ta' avviż lill-Kummissarju tal-Pulizija fil-mument li ġie fil-pussess ta' l-arma in kwistjoni jew munizzjoni. Maghdud ma' dan l-appellant gie ukoll mixli

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

bir-reat ta' natura kontravvenzjonali mahsub fl-artikolu 388(dd) tal-Kodiċi Kriminali, senjatament dak dwar il-ksur tal-paċi u bon ordni fil-pubbliku. Fir-rigward ta' din il-kontravenzjoni l-ġurisprudenza nostrana tipprovdi s-segwenti:

> **"Ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali u cjoe', r-reat ta' ksur volontarju tal-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku javvera ruhu meta jkun hemm dak li fil-common law Ingliza jissejjah "a breach of the peace". Din il-kontravvenzjoni tissussisti meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumnita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' propjeta', kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil. Ghal dak li hu inkonvenjent ikkagunat minn hsejjes u storbju, il-ligi taghna tipprovdi disposizzjonijiet ohra bhal, per ezempju, l-artikolu 338 (m).[2]"**

Dan il-ksur tal-paci pubbliku huwa marbut mal-akkuza li tohrog mir-regolament 18(2) tal-Avviż Legali 79/2006 u ċioe meta l-appellant allegatament spara arma tan-nar f'post abitat u pubbliku meta hemm dispost:

> **(2) (a) Ebda persuna m'għandha ġġorr arma tan-nar, kemm jekk ikkargata kemm jekk mhix, li ma tkunx fl-għata tagħha, jew jispara xi arma tan-nar, waqt li hija tkun inqas minn 200 metru minn xi belt jew raħal, jew żona abitata oħra, jew f'medda ta' 50 metru minn toroq prinċipali jew arterjali;**
>
> **Iżda din id-distanza ta' 50 metru ma tkunx tapplika fil-każ ta' toroq sekondarji u mogħdijiet fil-kampanja;**
>
> **Iżda wkoll is-senter m'għandux ikun immirat fid-direzzjoni tat-triq, kemm jekk din tkun prinçipali, arterjali, sekondarja jew mogħdija fil-kampanja.**

Illi jibda biex jinghad illi mill-provi prodotti huwa indubitat illi l-appellant ġarr l-arma tan-nar in kwistjoni barra minn residenza, għal ġol-vettura tiegħu sakemm wasal il-Mosta fejn kienu Formosa u Spiteri u li din l-arma tul it-tragitt kienet fil-pussess tiegħu.

---

[2] Pulizija vs Joseph Spiteri, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ippreseduta mill-Imħallef Vincent Degaetano nhar l-24.5.1996.

Din l-arma tan-nar ma kenitx rregistrata f'ismu u allura ma kellu l-ebda licenzja sabiex jippossjedi jew igorr arma tan-nar.[3] Mhux biss izda huwa ppruvat illi l-appellant kien jaf li l-arma in kwistjoni kienet tappartjeni lil terzi u allura naqas mill-javża lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar dan kif kien obbligat li jagħmel ġalardarba l-arma ġiet fil-pussess tiegħu. Konsegwentement din il-Qorti ma tara l-ebda mottiv li jista' igieghlha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti meta din sabet lill-appellant hati tal-ewwel żewġ akkużi kif imressqa kontra tiegħu.

Ikkunsidrat:

Illi stabbilit kwindi r-reita' ghal pussess u garr tal-arma tan-nar minghajr licenzja tal-pulizija, huwa ukoll indubitat illi l-appellant kien fil-pussess ta' dina l-arma f'post abitat tant illi huwa wasal bl-arma f'idejh gewwa l-Mosta hdejn ir-residenza fejn kienu jinstabu Francis Formosa u Darren Spiteri. Mhux biss izda jirrizulta wkoll *ex admissis* illi l-appellant spara din l-istess arma. Dak illi huwa kontestat minnu huwa il-volontarjeta' tal-att tal-isparar. Illi jibda biex jinghad illi dak irrakontat minnu huwa kontradett mix-xiehda ta' Terrence Cini li kkonferma mingħajr tlaqliq li l-appellant spara l-arma sabiex ibeżża lil Formosa u mhux għax l-arma żelqitlu minn idu u din ħadet u sparat waħedha. Huwa minnu li meta xehed Formosa matul il-proċeduri hu ta x'jifhem illi kellu argument ma Cini u mhux mal-appellant u dan ix-xhud ma setax jikkonferma minn filfatt spara għax qal li kien laħaq daħal lura ġol-fond, iżda din il-verżjoni wkoll hija, fil-fehma ta' din il-Qorti, tali li wieħed ma tantx jista joqgħod fuqha. Illi mill-provi indizzjarji li johorgu mir-rapport tal-esperti tal-ballistika jirrizulta illi sabiex l-arma tan-nar setghet tigi sparata din trid necessarjament qabel xejn tiġi kkargata. Ighidu hekk l-esperti l-Brigadier Maurice Calleja u PS560 Joseph Farrugia:

---

[3] Ara x-xhieda ta' PS1370 Antoine Micallef a folio 179 tal-atti proċesswali u datat is-27.5.13. Ara wkoll Dok AM1 eżebit a folio 181 in sostenn tal-istess xhieda.

**"Dan it-tip ta' senter jiffunzjona peress li jiddahhlu skratac ikkargati fil-*magazine* tieghu u wara li s-*slide* tingibed lura u jintelaq, skartocc ikkargat jittella' fil-kanna lest biex jigi sparat meta jinghafas il-grillu."**

Dan ifisser allura li l-verzjoni tal-appellant ma tistax tregi ghaliex il-fehma tal-esperti twassal ghal konkluzjoni illi sabiex l-arma giet sparata, dan ma setax isehh accidentalment izda dan kien jinneccessita azzjoni voluta mill-utent tal-arma li jikkargaha bil-ghan li din tigi uzata. Illi allura dawn l-provi indizzjarji abbinati max-xiehda ta' Darren Cini jippuntaw f'direzzjoni wahda u cioe' li l-appellant volutament spara l-arma tan-nar meta inqala' argument verbali ma' Francis Formosa quddiem ir-residenza fejn kien jinstab u l-appellant iddecieda li jispara l-arma bl-intenzjoni li ibezzghu.

Ikkonfermata kwindi ir-reita' ghall-akkuza imfassal fir-regolament 18(2) tal-Avviz Legali 79/2006, jikkonsegwi l-konferma ukoll tas-sejbien ta' htija ghal kontravvenzjoni tal-ksur tal-paci pubblika u dan meta l-inċident mertu tal-kawża seħħ fil-pubbliku u f'post aċċessibbli għall-pubbliku. Illi sparatura f'nofs ta' triq abbinata ma' argument verbali u voċiferu bejn il-persuni nvoluti b'wiehed minnhom ikun f'gallarija u l-appellant u Cini fit-triq tahtu certament ħoloq allarm u disturb. Tant hu hekk illi l-pulizija saret taf b'dan is-sinsitru ghaliex irceviet telefonata anonima minn persuna li giet allarmata u ipprejokuppata b'dak li kien qed isehh. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti hija wkoll tal-fehma li dan ir-reat jissussisti u konsegwentment il-ħtija tal-appellant għal dak li jirrigwarda din il-kontravenzjoni ser tiġi kkonfermata.

L-appellant finalment jilmenta illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma hijiex ekwa u gusta minghajr ma jindika mottiv wiehed li fuqu qieghed jibbaza dan l-ilment. Illi mhijiex fil-manzjoni ta' din l-Qorti toqghod tfittex u tindaga x'setghet kienet ir-raguni li wasslet ghal lanjanza tal-appellant. Jinghad biss illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti

taqa' fil-parametri tal-ligi. Abbinat ma' dan il-fedina penali tal-appellant ma taghtihx wisq affidament billi huwa gie misjub hati matul is-snin ta' diversi reati fosthom serq ikkwalifikat, hsara volontarja, ricettazzjoni, reati marbuta ma' traffikar u pussess ta' droga fost ohrajn biex b'hekk l-Ewwel Qorti ghamlet sewwa meta imponiet piena karcerarja effettiva. Fianlment il-Qorti ma tistax tinjora il-gravita' tar-reati li dwarhom l-appellant gie misjub hati meta iddecieda li johrog barra fit-triq b'arma tan-nar ikkargata u jisparaha f'post pubbliku u f'lok ta' abitazzjoni b'periklu ghall-inkolumita' tal-pubbliku.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur